

32004D0541

L 240/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

10.7.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Lulju 2004

dwar it-tlett rappreżentanti tal-partijiet interessati u s-sostituti tagħhom fil-Bord Amministrattiv ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u ta' l-Infomazzjoni

(2004/541/EK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru. 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u ta' l-Infomazzjoni⁽¹⁾, minn issa' l quddiem imsejja "l-Aġenzija", u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2004,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6 ta' dak ir-Regolmanet jiddikjara li l-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija, għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u tlett rappreżentanti tal-Kummissjoni, kif ukoll tlett rappreżentanti, proposti mill-Kummissjoni u maħtura mill-Kunsill, mingħajr id-dritt għall-vot, kull wieħed minnhom jirrapreżenta wieħed mill-gruppi li ġejjin:
- (a) l-industrija ta' l-informatika u tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni
 - (b) il-gruppi tal-konsumaturi
 - (ċ) l-esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-networks u ta' l-infomazzjoni
- (2) Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex ikomplu bil-ħatra tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Bord Amministrattiv, kif ukoll ta' sostitut li ser jirrapreżenta l-membri fl-assenza tiegħu/tagħha.

- (3) Sabiex l-Aġenzija tkun tista' tibda xogħlha malajr, hemm bżonn li l-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija jkun f'pożizzjoni li jaħdem mill-aktar fis possibbli.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Wieħed

Il-lista tal-membri u s-sostituti tagħhom li jirrapreżentaw il-partijiet interessati fil-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Networks u ta' l-Infomazzjoni hija kif ġej:

	Membri	Sostituti
L-industrija ta' l-informatika u tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni	Mark MacGann	Berit Svendsen
Gruppi tal-konsumatur	Markus Bautsch	Jim Murray
L-esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-networks u ta' l-infomazzjoni	Kai Rannenberg	Niko Schlammerger

Magħmul fi Brussell, nhar il-5 ta' Lulju 2004.

*Għall-Kunsill**Il-President*

G. ZALM

⁽¹⁾ ĠU L 77, ta' l-13.3.2004, p. 6.